## Intervista lil Samantha Pace Gasan, Kummissarju għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità

# "L-esperjenza mal-persuni b'diżabilità dejjem kienet waħda pożittiva"

Intervista minn Dr Vickie Gauci

Dejjem kont persuna nosserva, kurjuża, u dejjem kont persuna profonda, u allura kont naħseb fuq dak li kien ikun qed jiġri madwari. Imma nista' ngħid li minn meta kont żgħira, l-esperjenza tiegħi mal-persuni b'diżabilità kienet waħda pożittiva. Dan stqarritu Samantha Pace Gasan, Kummissarju għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità f'intervista li kellha ma' Dr Vickie Gauci ftit tal-jiem ilu.

**Vickie:** Samantha, tista' tgħidilna ftit dwarek u kif dħalt fil-qasam tad-diżabilità?

**Samantha:** 21 sena ilu twieldet oħti b'diżabilità u dak iż-żmien ma nistax ngħid li kont *aware* tas-sitwazzjoni. Meta twieldet Naomi u tal-familja kienu jagħmlu ċertu paniku, ma kontx nifhem għaliex, jew x'għandha oħti. Jien kelli sebgħa jew tmien snin, imma ndunajt li kien hemm xi ħaġa mhux mistennija. Illum nirrifletti fuqha, għax niltaqa' ma' sitwazzjonijiet - riċentement per eżempju kien hemm it-tnedija min-naħa tal-Aġenzija Sapport dwar il-kors *Breaking the News* għall-professjonisti mill-qasam tas-saħħa - u kelli nirrifletti fuq dik l-esperjenza, ovvjament mill-perspettiva ta' oħt, mhux ta' ġenitur.

Eventwalment jiena kont fil-*Girl Guides* ukoll u allura konna nagħmlu ħafna affarijiet fejn tidħol id-diversità fis-soċjetà ta' madwarna. Fil-fatt ġejt esposta ghall-persuni b'diżabilità permezz tal-*Girl Guides*. Iva, għax kien hemm diversi membri li kellhom xi forma ta' diżabilità. Niftakar persuna li għadha ħabiba tiegħi sal-lum. Kienet ikbar minni fl-età imma f'ħafna mill-attivitajiet li konna nagħmlu kienet tkun hemmhekk. U oħrajn li kienu tampari, ma kinux fil-lokalità tiegħi ta' Ħad-Dingli, kienu mir-Rabat, imma meta kien ikollna attivitajiet tad-distrett jew nazzjonali kienu jipparteċipaw, kienu jkunu attivi, jiġifieri kelli dak l-*exposure*. Imbagħad bis-sitwazzjoni ta' Naomi, bdejt ninduna li kellha xi ħaġa "differenti" - qed nuża kliem kif kont naħseb dak iż-żmien - iktar kelli ċans nosserva u nirrifletti.

Dejjem kont persuna nosserva, kurjuża, u dejjem kont persuna profonda, u allura kont naħseb fuq dak li kien ikun qed jiġri madwari. Imma nista' ngħid li minn meta kont żgħira, l-esperjenza tiegħi mal-persuni b'diżabilità kienet waħda pożittiva. Jiġifieri, mhux għax xi ħadd għandu diżabilità kont narah limitat - dejjem rajt l-opportunitajiet li bihom jistgħu jkomplu ħajjithom, dejjem rajt ambjent inklussiv, speċjalment fil-*Girl Guides*. Imbagħad ovvjament bdejt nikber u bdejt nirrealizza li d-dinja mhix kollha tlellix. Fejn jidħol attiviżmu dejjem iffukajt iżjed fuq il-kwistjoni tal-*gender* però.

Darba, per eżempju, kont qed nieħu sehem f'konferenza - kont fil-Kummissjoni Nazzjonali Żgħażagħ - u konna morna l-Lussemburgu, u konna qed nitkellmu fuq drittijiet soċjali u fir-rakkomandazzjonijiet li konna qed nifformulaw ridt li nużaw kliem u kunċetti li jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Ridt li niffukaw fuq l-aċċessibbiltà, imma aċċessibilità fil-forom kollha tagħha, jiġifieri mhux għall-persuni b'diżabilità biss. Li anki jekk persuna għandha diffikultajiet finanzjarji, servizz irid ikun aċċessibli għaliha. Jiġifieri qisni hekk, dejjem kont nipprova nara l-persuna b'mod globali. Imbagħad kont anki bqajt għaddejja fil-*Girl Guides* fid-*diversity team*, u meta ma bqajtx fil-*Girl Guides* kont nagħmel affarijiet oħra ta' din ix-xorta.



Samantha Pace Gasan, Kummissarju għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità

Fl-2018 imbagħad, kont dħalt l-isptar fit-taqsima tal-Emerġenza - ma kontx naf sa dak il-ħin li għandi xejn - jien għixt ħajja relattivament ordinarja. Minn hemmhekk skoprejna li għandi *Marfan Syndrome*, li hija marda ġenetika rari li taffetwa l-ġogi u diversi sistemi oħra tal-ġisem, u kelli nagħmel *open heart surgery*. Minn hemmhekk imbagħad qisek tibda titgħallem tgħix b'din ir-realtà ġdida. Hawnhekk allura, "*breaking the news*" kienet xi ħaġa li esperjenzajtha jiena wkoll. Sadanittant però, kelli ħafna iżjed *exposure* għall-persuni b'diżabilità għax kont għamilt *degree* fis-*social policy* u hemmhekk kellna *study-unit* fuq *disability issues* u allura kelli iktar għarfien dwar it-terminoloġiji, l-esperjenzi li jgħixu, u l-kuntest akkademiku ta' dan is-settur.

Imbagħad meta ħadt l-aħbar jiena dwar il-kundizzjoni tiegħi, qisu stajt niffaċċjaha – anzi nasal ngħid li l-2018 kienet waħda mill-isbaħ snin ta' ħajti. Is-sitwazzjoni tiegħi kienet waħda li ġabitni qrib il-mewt, jiġifieri sibt ruħi wiċċ imb'wiċċ mar-realtà li "isma' m'għandikx il-ħin kollu li tixtieq u fil-fatt hemm ħafna affarijiet li trid taprezza fil-ħajja". Fil-fatt dħalt fil-*mindfulness* u l-affarijiet iż-żgħar saru jfissru ħafna iktar minn qabel. Imbagħad fl-2020 kelli nerġa' nagħmel operazzjoni oħra u waqt din l-operazzjoni kelli puplesija ħafifa u minħabba f'hekk tlift id-dawl minn għajnejja tal-lemin. Il-fatt li ma bdejtx nara ċar per eżempju affetwani - issa li l-vista ssetiljat aħjar, xorta għadni ma narax minnha, imma mbagħad l-għajn tax-xellug qisha tadatta, insomma l-moħħ jadatta mhux l-għajn - imma kont diġà naf b'ċertu teknoloġija assistiva, ta' ħafna affarijiet li lili ffaċilitawli l-proċess. Jiġifieri ma kontx f'xi kriżi għax issa ma nafx x'se nagħmel. Dak iż-żmien kont naħdem l-Università u d-Dekan, il-Professur Andrew Azzopardi, qalli biex inkellem lill-FITA (*Foundation for IT Accessibility)* għax setgħu jgħinuni. Nemmen li n-*network* ta' persuni li jgħinuk hija riżorsa fundamentali.

U mbagħad ġejt appuntata bħala Kummissarju għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. Issa ilni ħdax-il xahar hawnhekk, se nagħlaq sena. Jien dejjem kont attivista, allura mbagħad meta għaddejt minn problemi ta' saħħa, bdejt nagħmel iktar *awareness* fuq mard rari, fuq diżabilitajiet li ma jidhrux minn barra, *hidden disabilities.* Però xorta nħossni ma nafx biżżejjed fuq il-kundizzjoni tiegħi - ovvjament dejjem iktar titgħallem - fejn jidħlu realtajiet oħrajn, xorta nħoss li mhux qed nagħmlu biżżejjed fejn jidħlu *hidden disabilities* per eżempju. Għaliex ġeneralment il-persuni li jiġu għandna huma persuni li m'għandhomx aċċessibilità fiżika. Dawk l-iktar li jiġu assoċjati bħala persuni b'diżabilità u anki huma iktar jirrikonoxxu li hemm id-diżabilità. Per eżempju naf nies li qed jonqosilhom is-smigħ imma minħabba l-istigma tad-diżabilità, ma jaċċettawx dik il-ħaġa. Għalhekk qed ngħid li għalija li kelli dik l-informazzjoni qabel, kont f'pożizzjoni ħafna aħjar biex jiena stajt niffaċċja dak li kien ġie fuqi u li kien għadu ġej. Ma jfissirx li ma jkollix diffikultajiet, imma kelli l-għarfien, u l-għarfien jagħtik ċertu poter. Naħseb fejn jidħlu *hidden disabilities*, ilkoll kemm aħna nistgħu nagħmlu iżjed. Fuq xiex qed nitkellmu meta ngħidu *hidden disabilities*? Jekk qed ngħidu li skont il-mudell soċjali tad-diżabilità hija s-soċjetà li toħloq it-tfixkil, tagħmel il-barrikati, mela forsi hawn iżjed qed nitkellmu fuq il-kundizzjonijiet per se.

Għadu proċess għalija kif inkampa bil-kundizzjoni tiegħi, kif tagħmilni persuna b'diżabilità, fis-sens li nistaqsi, "x'qed jaffetwani fis-soċjetà tagħna li



ikompli f'paġna 22

# Irridu nippruvaw inkunu inklussivi kemm jista' jkun

ikompli minn paġna 21

lili jikkundizzjonani?' Għalija d-diżabilità hija proċess, hija xi ħaġa li l-ħin kollu trid tkun *in touch with*, u iva, irid ikun hemm livell t'aċċettazjoni u naħseb li iktar ma tasal għaliha malajr dik iktar aħjar biex tesplora opportunitajiet li jistgħu jagħmlulek ħajtek, u l-ħajja ta' dawk ta' madwarek, aħjar. Fir-realtà d-diżabilità taffetwa lil kull membru tal-familja u anki lill-ħbieb. Affarijiet li ħafna drabi ma nitkellmux fuqhom, il-preokkupazzjonijiet, ċertu stress, per eżempju sħabi li jinkwetaw għalija. Per eżempju jekk ikollok tfal jew adulti b'diżabilità fil-familja, dan jitfa' sfidi fuq il-familja kollha u jista' jwassal għall-problemi bejn il-ġenituri. Fil-verità fiha t-toqol tagħha din l-esperjenza.



Sfida oħra huma l-problemi li hemm fis-sistema edukattiva. Per eżempju, diffikultà li titqajjem ħafna hi meta l-*learning support educator* (LSE) tkun ma tiflaħx – ħeqq, qed nużaw servizzi li jinvolvu lin-nies, l-LSA bniedma u ovvjament xi kultant jistgħu jinqalgħu affarijiet lilha wkoll - imma sfortunatament is-sistema kif taħdem ma tgħinx lill-ġenituri. Dawn ma jistgħux ikunu konsistenti fuq il-post tax-xogħol. Min iħaddem jista' jkun *understanding* kemm ikun *understanding*, imma fil-verità jridek taħdem u llum il-ġurnata nilbes il-kappell ta' *employer* ukoll, jiġifieri nara l-perspettivi tagħhom ukoll. Jiġifieri fuq naħa waħda qed inħeġġu liż-żewġ ġenituri joħorġu jaħdmu, imma fil-verità għandna sitwazzjoni fejn min għandu tfal b'diżabilità mhux dejjem se jkun jista' jagħti l-mija fil-mija fuq ix-xogħol, u dan ipoġġihom fi żvantaġġ. Jekk jien ma nistax immur naħdem għax għandi tifel/tifla b'diżabilità ħa nkun żvantaġġjata ħdejn familji oħrajn fejn iż-żewġ ġenituri jaħdmu mingħajr problemi.

**Vickie:** U hemm iżjed diffikultajiet għall-persuni b'diżabilità f'Malta?

**Samantha:** Jien naħseb li aktar milli nsemmu kwistjoni jew oħra, naħseb li meta qegħdin nippjanaw l-affarijiet, għadna m'aħniex qegħdin naddottaw il-*Universal Design approach* u naħsbu biss fil-persuna li tista' - tista' timxi, tara, tisma', tifhem, tikkomunika eċċetra - u dan mhux fejn jidħlu persuni b'diżabilità biss. Aħna nies u allura se naħsbu skont l-għarfien u l-esperjenzi li għandna. Jekk jiena l-istatus soċjali tiegħi huwa ta' ċertu livell, jekk għandi ċertu professjoni, normalment se nitħallat man-nies tal-istess grupp. Ma naħsibx li qed nitħalltu ma' kull tip ta' nies sabiex inkunu nistgħu nisfidaw il-mod kif naraw il-ħajja, il-perċezzjonijiet tagħna fuq in-nies ta' madwarna fis-soċjetà.

Kif għidtlek, jien persuna li nħobb naħseb u nirrifletti, persuna profonda u nosserva - illum nagħmilha ma' ħafna nies, *policymakers* eċċetra, li mhux għax neċessarjament ma jinteressahomx u ma jridux jagħmlu sforz, pjuttost hija kwistjoni t'għarfien. Ngħid għalija wkoll, hemm affarijiet li jien ma nindunax bihom, ma naħsibx fuqhom. Imma għandna nippruvaw inkunu inklussivi kemm jista' jkun f'dak li qed nagħmlu, u jekk jien nista' naqsam it-triq mingħajr problema ta' xejn, irrid naħseb ukoll f'dik il-persuna li għandha nuqqas ta' vista.

**Vickie:** Semmejt il-*mainstreaming* inti, jiġifieri li d-diżabilità tiġi kkunsidrata f'kull settur - dan importanti ħafna. Taħseb li l-persuni b'diżabilità qed jidħlu f'kull qasam tal-ħajja? Kemm huma rrappreżentati l-persuni b'diżabilità fuq livelli iktar għoljin, fejn isiru d-deċiżjonijiet?

**Samantha:** Kultant ngħid mhux kulħadd interessat li jkun involut fuq livelli iktar għoljin. Jien dħalt fl-attiviżmu għax qiegħda fin-natura tiegħi. Jien stajt akkwistajt id-diżabilità u m'għamilt xejn fuqha. Kultant naħsbu li għax int persuna b'diżabilità trid tkun attivist awtomatikament. Meta fil-verità forsi inti m'intix interessat. Wieħed għandu jiddeċiedi hu. Aħna li aħna attivisti, għażilna aħna. U hawnhekk naħseb li rridu nkunu iżjed intelliġenti, fil-mod kif norganizzaw ruħna, għax diġà qed nitkellmu fuq minoranza – hija l-ikbar minoranza, imma xorta minoranza. Fil-kuntest lokali iktar u iktar irridu nagħmlu hekk għax proporzjonalment qegħdin inqas. Allura rridu nkunu



ntelliġenti li flok naħdmu kontra xulxin, irridu naħdmu flimkien, kulħadd skont il-kundizzjoni tiegħu, biex inwasslu l-messaġġ tagħna, li għandu jkun messaġġ wieħed, kontra d-diskriminazzjoni u l-isfidi soċjali li nħabbtu wiċċna magħhom.

**Vickie:** Donnha tinkwetak ħafna din li għandna ħafna għaqdiet, kulħadd għal rasu?

**Samantha:** Tinkwetani ħafna – naħseb li hi waħda mill-ikbar sfidi f'dan il-qasam.

Nistgħu noqogħdu nikkritikaw lil min jagħmel il-politika eċċetra, imma rridu niffukaw ukoll fuq l-NGOs biex nibagħtu messaġġ koerenti hemm barra. Per eżempju għad għandna għaqdiet volontarji li jitkellmu bil-mudell mediku. U bdejt naħseb ftit fuqha din, anki għax kienet it-tema tal-konferenza annwali. Din ma tgħinx - *It does not do us justice* - hawn min jibqa' juża l-mudell ta' karità fis-sens ta' filantropiżmu per eżempju. Aħna qed ngħidu li hu mportanti li jkollna persuni b'diżabilità jitkellmu u li jgħaddu l-messaġġ tagħhom u li nisimgħuhom, imma mportanti li l-persuni b'diżabilità jkollhom opinjoni bbażata fuq informazzjoni tajba. F'dan is-settur qisu naħsbu li kull persuna b'diżabilità taħsibha l-istess, imma mhux hekk, għax kulħadd għandu esperjenzi differenti – qisu għandna bżonn nieħdu pass lura biex nagħmlu pass 'il quddiem.

**Vickie:** Irridu nibdew minna nfusna għax jekk se nagħtu messaġġi kontradittorji se taħdem kontrina – dak li trid tgħid?

**Samantha:** Iva, bħal f'kollox, għax jiena, jekk irrid nagħmel impatt fuq il-bidla fil-klima per eżempju, irrid l-ewwel nibda nara jiena x'qed nagħmel ħażin.

**Vickie:** Imbagħad mil-laqgħat tiegħek man-nies, Samantha, x'isemmulek li jsibu l-iktar t'għajnuna? X'jixtiequ n-nies?

**Samantha:** Naħseb li waħda mill-affarijiet li hemm bżonn aktar hija s-sapport, sapport prattiku. Għaliex meta inti għandek persuna b'diżabilità, għandha ċertu bżonnijiet. Jiena meta nara persuna b'diżabilità severa u għax għandha sapport tajjeb tista' tagħti l-kontribut tagħha, tara l-potenzjal tagħha, tara fejn tista' tasal. Nifhem li dejjem se jibqa' l-problema tal-*budget*, nifhem ukoll li hawn setturi oħra li jeħtieġu l-għajnuna ... imma għandna bżonn nibdew nifhmu aħna l-importanza tal-*empowerment.* Jekk għandek LSE fl-iskola, jekk għandek *support worker*, l-irwol tagħha m'għandux ikun is-servizz ta' dak il-ħin u daqshekk, imma li tagħti *empowerment* biex iktar 'il quddiem il-persuna b'diżabilità ma tiġix dipendenti fuqha, ma tiġix tiddependi għal kollox mis-servizz li qed tagħtiha.

Xi ħaġa oħra li tgħin u li tinteressani ħafna, u s-sena li ġejja se nkunu qegħdin nisħqu fuqha, hi l-użu tat-teknoloġija. Ilna nitkellmu għal żmien twil wisq fuq l-istess sfidi f'dan is-settur. Qed naraw xi soluzzjoni? Xi soluzzjoni biex ikun hawn bidla fis-sistemi – għax dak li għandna bżonn, bidla fis-sistemi, mhux noqogħdu naqtgħu l-għatx bil-perżuta – dik għandha bżonn dik il-ħaġa naghtuhielha – dawk soluzzjonijiet għal żmien qasir biss. Issa qed nitkellmu fuq teknoloġija li qed tavvanza b'rata mgħaġġla u r-riċerka u l-innovazzjoni għad m'għandniex esperti biżżejjed f'dawn l-oqsma. Għandna bżonn nikkollaboraw biex niddiskutu ideat, soluzzjonijiet u mhux nergħu noqogħdu nivvintaw dak li diġà jeżisti. Per eżempju, il-kunċett ta' *smart phones*, illum saret xi ħaġa vera komuni jiġifieri jista' jkollok lil Alexa d-dar, robot li jnaddaf l-art, magna

ikompli f'paġna 23

# Id-dagħa nistgħu nsibu tarfu?

Joe Camilleri

Bla dubju u bla tlaqlieq jiena ngħid IVA. Mhux faċli, anzi diffiċli u jista' jkun diffiċli ħafna. Naħseb li għal xi ħadd waħdu mhux possibbli imma bl-għajnuna t'Alla u ta' oħrajn possibbli ħafna.

Nemmen li jekk wieħed ikun jaf il-kawża, psikoloġikament tista' tagħmel differenza kbira. Għaliex skont il-kawża persuna tingħata l-għajnuna biex tirċievi l-fejqan. Huwa l-fejqan li jeħlisna, hekk jagħtina qawwa ġdida sabiex nimxu 'l quddiem u NINĦELSU VERAMENT.

Nemmen li l-ewwel u l-aktar pass diffiċli, għal kull bniedem li għandu kwalunkwe problema, huwa li jinduna, allavolja oħrajn ikunu ilhom li ndunaw qabel. Irid jifhem u jaċċetta li HU u mhux ħaddieħor għandu dik il-problema partikulari. Fil-każ tiegħi kien id-Dagħa. B'mod l-aktar sempliċi, il-qofol tal-vokabularju tiegħi kien dagħa. Ma kontx nitkellem jekk ma ninkludix dagħa, qisni ma nafx mod ieħor. Sħabi kienu jgħoddu "7 to 1", jiġifieri 7 ħżiena u waħda tajba. U dan ma kienx bi qżież, kien vizzju iebes. Kien dagħa awtomatiku. MINN DAK LI TKUN MIMLI TIŻVOJTA.

Ma rrid ngħid bl-ebda mod li kif fiqt jien mid-dagħa huwa l-unika triq. Illum snin twal wara nara xebh ċar ma dak li llum huwa magħruf ma' ħafna bħala "Twelve Step Program", 12 il-pass għal ħelsien mill-addiction. Fil-każ tiegħi mingħajr ma kont naf bihom, għamilthom anzi għaġġilthom.

F'ċirkostanzi differenti matul Settembru 1978 ħassejt lil Ġesù Msallab issejjaħli għaliħ. "Jien tajt kollox għalik, Inħobbok, Int ġejt mixtri bi prezz għoli. Irridek tiegħi". B'ċerta biża għidtlu "IVA". Għalkemm kont konxju kemm tista tiswa ftit l-iva tiegħi, imma abbużajt għax stħajjilt kemm dik l-iva segħtet tfisser aktar, jekk imsawra fil-Grazzja Tiegħu.

## L-esperjenza mal-persuni b'diżabilità

● ikompli minn paġna 22

tal-ħasil, tixgħelhom mill-mowbajl, m'għandekx għalfejn toqgħod titla' u tinżel it-taraġ. Dawn għandna bżonn narawhom iżjed.

M'aħniex se nsibu soluzzjonijiet jekk se nibqgħu niddiskutu d-diżabilità fil-qasam tad-diżabilità biss. Jeħtieg li naħdmu flimkien ma' setturi bħall-ICT, l-Inġinerija, l-edukazzjoni, is-setturi soċjali u oħrajn li mhumiex speċifiċi għad-diżabilità. Ħafna drabi ma nitkellmux dwar, per eżempju, *addictions* fost il-persuni b'diżabilità, dawk li jissejħu *intersectionalities*.

Naf studenti fl-Inġinerija li għamlu t-teżi fuq makkinarji jew sistemi li għandhom x'jaqsmu mad-diżabilità, u mhux dejjem insiru nafu bihom.

**Vickie:** Għalhekk għamel ħafna differenza li twaqqaf dipartiment dwar l-istudji tad-diżabilità għax hekk jafu fejn jistgħu jistaqsu għall-għajnuna. Qed niġu nvoluti fi proġetti mal-Fakulta' tal-ICT, tal-Inġinerija ...għalhekk importanti li nidħlu fl-istituzzjonijiet għax imbagħad jibdew bil-mod il-mod jirreferu għalik u l-affarijiet jinbidlu.

**Samantha:** Fil-kuntest ta' riċerka, iva. Fil-kuntest ta' *policymaking* onestament ma nafx hux l-aħjar approwċ li jkollok ministeru wieħed għall-affarijiet relatati mad-diżabilità – għax l-*issues* huma *cross-cutting.* Bejn huwa tajjeb għax inti għandek lil xi ħadd li qed jitkellem il-ħin kollu għas-settur u qed jimbotta l-aġenda speċifika fuq is-settur, imma fil-verità l-isfidi marbuta mad-diżabilità għandhom ikunu l-isfidi ta' kulħadd. Skont il-liġi l-ġdida se jiġi stabbilit dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, per eżempju bħalma kull ministeru għandu lil xi ħadd jikkoordina mal-Ministeru tal-Finanzi.

Issa meta qed naħsbu dwar kif se nimxu 'l quddiem fl-implimentazzjoni, kif se nagħmluha din il-ħaġa? Jien naħseb li rridu nibdlu l-perċezzjonijiet, għax fl-aħħar mill-aħħar jekk se nibqgħu nħarsu lejn il-persuni b'diżabilità bħala inqas minna, jekk mhux se naraw il-potenzjal li dawn il-persuni jistgħu jgħixu b'mod indipendenti jekk nagħtuhom is-sapport li jeħtiegu, allura xorta se nibqgħu narawhom bħala persuni li jużaw is-servizzi tas-settur biss, li huma dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali, allura se nibqgħu narawhom bla valur. Dan m'għandux ikun. Mhux qed ngħid li għandna narawhom bħala xi *superheroes* tafx, imma li l-persuni b'diżabilità jistgħu jgħixu ħajja bħal kulħadd jekk ikollhom l-opportunitajiet bħal ħaddieħor.

# Miklem Ekumeniku (23)

Rubrika mtellgħa kull tielet Ħadd tax-xahar mill-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana

# Il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara



Monsinjur Professur Hector Scerri – *hector.scerri@um.edu.mt*
President tal-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana

Fil-ħarġa tal-lum tal-gazzetta, ħsibt li jkun għaqli li għal dan ix-xahar ninterrompu s-sensiela ta' artikli dwar Knejjes Insara oħra li jinsabu f'pajjiżna. Ħsibt li jkun aktar f'postu li niddedika dan l-ispazju biex nitkellem dwar it-twelid tal-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara li niċċelebraw fil-jiem li ġejjin, mit-Tlieta 'l quddiem.

Il-bidu tal-Ġimgħa ta' Talb imur lura għall-1908. Kien Rev. Paul Wattson (1863-1940) li ħareġ bl-idea. Wattson kien il-ko-fundatur tal-*Franciscan Friars and Sisters of the Atonement*, magħrufa wkoll bħala *Graymoor Franciscans.* Graymoor hu fejn bdiet din il-familja reliġjuża, oriġinarjament fi ħdan il-Knisja Anglikana fl-Istati Uniti (jiġifieri l-Episkopaljani). L-iskop tal-familja reliġjuża li semmejna kien li taħdem għall-għaqda fost l-Insara. Aktar tard, Wattson u l-kongregazzjoni li waqqaf, ilkoll flimkien saru Kattoliċi, filwaqt li żammew l-istess kariżma li kellhom qabel.

### Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar

Wattson fassal dan l-Ottavarju (kif kien spiss jissejjaħ qabel) biex ikopri t-tmint ijiem bejn it-18 u l-25 ta' Jannar ta' kull sena.

L-għażla tal-jiem minn Wattson kellha ħsieb warajha: f'dak iż-żmien, sar-riforma tal-Kalendarju liturġiku wara l-Konċilju Vatikan II, it-18 ta' Jannar kien il-Festa tal-Istqarrija ta' San Pietru, waqt li l-25 ta' Jannar kienet, u għadha, il-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl.

Dawn iż-żewġ festi kienu bħal gwarniċ għat-talb għall-għaqda fost l-Insara. Fl-istess ħin, irridu nsemmu li l-idea tal-ekumeniżmu li kellu Wattson, li kkonverta minn Anglikan għal Kattoliku, kienet ta' "ritorn lejn Ruma" tal-Insara minn Knejjes li nfirdu sekli ilu.

Il-Papa Piju X bierek l-inizjattiva ta' Wattson, waqt li l-Papa Benedittu XV inkuraġġixxa l-osservanza tagħha fil-Knisja Kattolika. Wattson beda jsejħilha "*Chair of Unity Octave*" biex jisħaq fuq ir-rabta bejn l-għaqda fost l-Insara u s-Sede ta' Pietru. Ftit tas-snin wara, il-Protestanti bdew jorganizzaw Ġimgħa ta' talb għall-Għaqda fi żmien Għid il-Ħamsin, meta twieldet il-Knisja.

### Saċerdot b'idea differenti

Is-saċerdot Kattoliku Franċiż, Abbé Paul Couturier (1881-1953), pijunier kbir tal-ekumeniżmu, kellu idea differenti minn Wattson. Huwa ma kienx jitkellem dwar "ritorn lejn Ruma" (jew konverżjoni tal-eretiċi), imma dwar "talb għall-għaqda tal-Knisja kif Kristu jixtieq li tkun din l-għaqda, u skont il-mezzi li Hu jrid u jippermetti".

Dan kien ifisser għalhekk, li Nsara minn Knejjes oħra setgħu jissieħbu fit-talb mingħajr diffikultà ta' xejn. Fl-1935, Couturier beda jorganizza Ġimgħa Universali ta' Talb għall-Għaqda Nisranija, ħaġa li l-Knisja Kattolika laqgħet formalmet fl-1966.

Tajjeb ngħidu li fl-1941, il-Konferenza *Faith and Order* (li fiha kienu msieħba l-Ortodossi u l-Protestanti) iddeċidiet li tibdel id-dati tal-Ġimgħa minn żmien Pentekoste għall-istess jiem li kienu jużaw gruppi Kattoliċi.

Mill-1968 'il quddiem, il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara bdiet tiġi organizzata b'mod konġunt mill-*Faith and Order Commission* tal-Kunsill Dinji tal-Knejjes (f'Ġinevra) u l-Kunsill Pontifiċju għall-Għaqda fost l-Insara (fil-Vatikan).

L-enfasi, kif kien jisħaq Couturier, hu fuq l-ekumeniżmu spiritwali, jiġifieri t-talb għall-għaqda. Bosta jiftakru li l-materjal kollu għall-Ġimgħa tas-sena 2020 kien tħejja mill-Knejjes Insara differenti ġewwa Malta.

Dis-sena, il-materjal tħejja mill-Insara ta' Knejjes differenti fil-Lvant Nofsani.